# HSIEB FIX-XTAJTA

*Ta'* Manwel u Josephine Cassar

Ga bdiet is-sħana u fuq ir-ramla t-tajfa
Tan-nies għaġġlet tintafa' għax-xemx tas-saħħa
Jew ġewwa l-ilma għal-frisk tal-baħar. Sielem
Is-sajf f'St. Kilda

Hawn fl-art, b'Daniel maġenbna ħsiebna mxierek
Itir lejn żmien l-imgħoddi meta x-xrara
Ta' mħabba daħlet f'qalbna għall-ewwel darba
Sal-lum li tkebbset

Fi ħġejjeġ kbar; u j'tina li nistaqsu:
Li kieku ta' dix-xtajta, waħda, waħda,
Kellha tingħadd l-għabra ta' deh'b ir-ramel,
Fina bħall-oħra

Ta' ġewnaħ il-farfett ferħan ta' Mejju,
Kien jisboq dan il-għadd 'l-ieħor tal-baħar
Kieku jitqattar kollu qatra, qatra,
Bħan-nida mgawhra?

Dak li mill-qawwa ta' seteghtu ferrex,
Kemm tmidd il-ħarsa r-Ramla ta' St. Kilda
U ferragħ l-ilma għal dawn l-għawwiema hienja
Biss waħdu jaf:

Biss waħdu jaf ukoll għal kemm-il darba
Aktar mill-għadd tar-ramel u tal-baħar,
Ta' nar l-imħabba li xegħilna qalbna
Iħaġġu ilsna.

*St. Kilda, l-Awstralja.*
*Il-Ħadd, 15.12.1956.*